# L-Oratorju tal-Ewwel 100 sena

*1910 – 2010*



**Philip Xuereb**

Sa mill-1820 f'Birkirkara kienet inħasset il-ħtieġa li jkun organizzat aħjar it-Tagħlim Nisrani għat-tfal. Għalhekk kienet twaqqfet fratellanza li minnha eventwalment kienet żviluppat il-festa tal-Madonna tad-Duttrina, li saħansitra kienet tħabbatha ma' dik ta' Santa Liena. It-tagħlim kien isir fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba li kien jintuża bħala oratorju għal dan l-iskop. Fl-1857 din l-għaqda tad-Duttrina kienet imġedda, imma sal-bidu tas-seklu għoxrin kien hemm l-għaqda S. Luigi Gonzaga li kienet tieħu ħsieb tgħallem lis-subien.

Fl-1910 kien sar saċerdot Dun Mikiel Sammut Tal-Motros, li beda mill-ewwel iħabrek biex f'Birkirkaara jkun hawn post xieraq għat-tagħlim tad-Duttrina, fuq it-tifsila tal-oratorji Sależjani ta' Don Bosco. Bil-għajnuna tas-Sur Alfons Maria Galea instabu l-benefatturi fil-persuni tas-sinjuri in-Nutar Mikiel Luigi Casolani u martu Giulia. Huma mhux biss iffinanzjaw il-bini tal-post, li l-ewwel ġebla tiegħu tqiegħdet nhar it-23 ta' Marzu 1910, iżda baqgħu involuti fil-ħidma tiegħu ħajjithom kollha.

L-ewwel ma nbniet kienet il-kappella, li kienet inawgurata fil-31 ta' Lulju ta' dik is-sena. Billi l-Oratorju kellu jitmexxa mis-Sależjani, kif hu l-użu tagħhom, iddedikawha lil Marija Għajnuna tal-Insara, imma l-Oratorju nnifsu ssemma għal Domenico Savio, li dak iż-żmien ma kienx għadu ddikjarat qaddis. Kien jitmexxa tista' tgħid għal kollox bħall-oratorji festivi Sależjani, inkluż bit-teatrin, bil-brigade u bil-ground għal-logħob. Madankollu kien beda jsir tagħlim nisrani fil-knisja ta' San Pawl tal-Wied, bħala annexe, għas-subien tan-naħa t'isfel ta' Birkirkara, li kellhom il-bogħod għall-Oratorju.



Dehra antika tal-kappella u d-daħla tal-Oratorju.

Wara sentejn is-Sależjani ma setgħux ikomplu jmexxu l-Oratorju, u wara ċertu taqtigħ il-qalb għal Dun Mikiel u għal Casolani, dan irnexxielu jirranġa mal-Frères ta' S. Ġwann Battista De la Salle. Huma għamlu erba' snin fl-Oratorju ta' Birkirkara, li sadattant semmewh għall-qaddis patrun tagħhom. Hawnhekk kienu wkoll fetħu skola li semmewha S. Helen Preparatory School. Fl-1913 f'Malta kien iċċelebrat il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali u fl-Oratorju kienet organizzata attività għall-prelati, diplomatiċi u kungressisti Franċiżi.



Mons. Ġ. De Piro u żewġ membri tas-Soċjetà ta' San Pawl ma' katekisti tal-Oratorju fl-1927

Meta dawn ukoll telqu, il-ħidma fl-Oratorju waqgħet fuq Dun Mikiel Sammut, megħjun minn ħuh Dun Ġużepp (li wara fis-snin 30 kien Prepostu għal xi sena). Kienu ż-żminijiet diffiċli ta' wara l-Ewwel Gwerra Dinjija għal Malta u ħafna mit-tfal kienu jbatu minn bosta nuqqasijiet fi djarhom, hekk li saħansitra Dun Mikiel kien talab lill-Gvernatur Ingliż biex jagħtih xi ħwejjeġ surplus tal-militar biex minnhom isiru ħwejjeġ għas-subien tal-Oratorju.

Imma kemm Dun Mikiel u kemm Casolani kienu tal-fehma li biex il-ħidma fl-Oratorju tkun tista' titkompla, dan ried ikun f'idejn xi soċjetà ta' reliġjużi. Allura wara ħafna sforzi, kienu sabu lil Mons. Ġużeppi De Piro, li fl-istess sena tat-twaqqif tal-Oratorju, jiġifieri fl-1910, kien waqqaf is-Soċjetà (Missjunarja) ta' San Pawl.

F'April 1927 sar ftehim kuntrattwali bejn il-propjetarju Casolani, Dun Mikiel Sammut f'isem l-Arċisqof u Mons. De Piro f'isem is-soċjetà minnu mwaqqfa u l-Oratorju hekk ngħata definittivament f'idejha. De Piro kompla l-ħidma fl-Oratorju fuq it-tifsila Sależjana, kif kien stipulat fil-kuntratt ta' donazzjoni. Ftit wara sar ftehim ieħor bejn De Piro u Dun Ġorġ Preca rigward it-taqsim tat-tagħlim f'Birkirkara, wara li kien twaqqaf l-ewwel qasam tal-MUSEUM ta' Sqaq Nannuwa. Fl-Oratorju wkoll, De Piro kien waqqaf l-Edukandat S. Marija, għall-formazzjoni ta' żgħażagħ li riedu jingħaqdu fis-Soċjetà ta' San Pawl.



Fil-ground tal-Oratorju, kmieni fis-snin ħamsin.

Iż-żmien ta' wara l-mewt tal-Monsinjur, kien diffiċli għas-Soċjetà, peress li kien għad ma kellhiex ħafna membri qassisin li minbarra l-Oratorju riedu jlaħħqu mal-Istitut ta' San Ġużepp u mad-Dar ta' Sant' Agata li kienet għadha fil-bidu tagħha. It-taqlib

u l-azzjonijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija laħqu wkoll l-Oratorju bħall-bqija ta' Birkirkara. Għalhekk għall-ewwel laqa' fih xi refuġjati u mbagħad is-Seminarju maġġuri. Reġgħu ġew ukoll il-Frères li fetħu hawn xi klassijiet peress li kellhom jitilqu mill-kulleġġ tal-Kottonera. Wara l-gwerra l-Oratorju reġa' qabad ir-ritmu tal-ħidma tiegħu taħt it-tmexxija ta' Dun Wistin Grech mssp, li kien ilu Direttur hemmhekk. Iżda fl-1948 dan intbagħat għall-Missjoni fl-Awstralja ma' emigranti Maltin. Eventwalment ħafna membri oħra tas-Soċjetà, fis-snin 50 u 60 kellhom jitilqu għall-missjoni mill-Oratorju, inkluża dik tal-Perù.

F'dawn l-aħħar għoxrin sena msemmija, kien Direttur tal-Oratorju Dun Anton Camilleri mssp. Kienu snin diffiċli mil-lat ekonomiku, imqanqla politikament u b'eluf ta' Maltin jemigraw kull sena. Bi stil ta' tmexxija enerġika, Dun Anton intefa' fuq għadd ta' inizjattivi għall-Oratorju: fil-kappella, fl-isport (bit-team tas-S. Paul's, għas-Soċjetà, imma bil-kuluri abjad u aħdar tal-Furjana li tant kien iżomm magħhom) it-talkies, il-brigade u l-ftuħ tal-post innifsu bħala ċentru għall-ġuvintur żgħażagħ, waqt li baqa' għaddej bil-ħidma tat-tagħlim u l-preparazzjoni għall-ħajja nisranija mas-subien, kemm fil-lokal innifsu kif ukoll mill-annexe li issa kienet fl-iskola tal-Gvern ta' Triq Brared. Dun Anton Camilleri kien għamel 23 sena Direttur tal-Oratorju, megħjun minn għadd ġmielu ta' katekisti u ko-operaturi lokali u ta' membri tas-Soċjetà li wara ftit snin hawn kienu jmorru f'xi waħda mill-missjonijiet tagħha dak iż-żmien.

Fis-snin sebgħin intbagħat imexxi l-Oratorju Dun Klawdju Borg mssp, li kien fl-Oratorju fis-snin 50 u minn dak iż-żmien kien fl-Awstralja. Introduċa stil ta' tmexxija parteċipattiva ġdida, u fin-nuqqas ta' strutturi/għaqdiet għat-tfajliet fl-inħawi, li kienu qed jikbru bil-bini ġdid lejn Sqaq l-Għoġla u Ta' Paris, l-Oratorju ngħata l-bixra ta' mixed youth centre, ħaġa li kien għadha ma tinżilx sew ma' kulħadd f'Malta dak iż-żmien. Kien xprun ukoll għal bosta attivitajiet li ġibdu aktar nies mill-inħawi lejn il-lokal hekk li nħasset il-ħtieġa ta' tkabbir u ri-addattament tal-post.

L-Oratorju kompla miexi bejn wieħed u ieħor fuq dawn il-linji sakemm inħatar Direttur Fr. David Azzopardi. Il-post kompla jkun żviluppat bħala ċentru nisrani għall-familja kollha



**Il-proġett: Tagħlim Nisrani Aħjar fil-fażi tal-kostruzzjoni.**


Il-vara tal-Awżiljatriċi armata għall-festa fil-kappella.

waqt li baqa' miexi bil-ħidmiet karatteristiċi tiegħu u fl-1983 kienet twaqqfet mill-ġdid is-St. Paul's Brigade u bdew isiru attivitajiet ġodda li waqt li għaqqdu l-komunità taz-zona, kabbru l-popolarità tal-post fil-pajjiż. L-għadd ta' żgħażagħ li kienu jattendu kompla jikber ukoll, u mhux minn Birkirkara biss. Għalhekk kien inħoloq il-grupp: Nikbru Flimkien li kien jitmexxa bil-ħidma tal-istess ġenituri taż-żgħażagħ u ta' Youth Workers.

Għal darb'oħra nħass li l-post strutturalment ma kienx għadu adegwat għall-ħtiġijiet u għaż-żmien: il-kmamar għat-tagħlim tad-Duttrina, is-sala bis-saqaf tal-pjanċi li kien għadu kif kważi nqala' mill-maltemp u xejn anqas id-dar tal-komunità. Fl-1984 għalhekk tfassal il-proġett: Tagħlim Nisrani Aħjar, li wara diffikultajiet dwar permessi, ngħata bidu f'Ottubru 1986. Għalkemm l-istruttura nbniet minn kuntrattur, bosta kienu dawk in-nies midħla tal-Oratorju, ta' dik il-ħabta jew ta' qabel, li ġew jagħtu sehemhom fil-ħidma b'diversi modi. L-inawgurazzjoni saret f'Diċembru 1990. Imma d-dar għall-komunità mssp eventwalment inbniet mid-Direttur ta' wara Fr. Karm Borg mssp. Fis-snin 90 tas-seklu li għadda.

L-Oratorju San Domenico, li minn dawk iż-żmien 'l hawn kellu żewġ Diretturi oħra, għadu għaddej bil-ħidma tiegħu ispirata minn dik li kienet tagħtu bidu 100 sena ilu.

Philip Xuereb Jannar 2010

## Nota

Jekk jinteressak tkun taf aktar fuq l-Oratorju, għadu kemm ħareġ il-ktieb:

L-ORATORJU U LIL HINN MINNU.

Mal-500 paġna ta' informazzjoni u ritratti

# Żjarat lill-Morda u l-Anzjani

Filwaqt li niċċelebraw il-festa għandna nżommu f'moħħna u f'qalbna lil ħutna li minħabba mard jew xjuħija ma jistgħux ikunu magħna fil-ġranet tal-festa.

Għalhekk, permezz tal-Kummissjoni Djakonija, xi membri tal-Appostolat se jagħmlu żjarat fi sptarijiet, djar tal-anzjani u djar tal-morda.

Dawk li il-morda jew anzjani li jixtiequ li nżuruhom u nistednuhom għall-attività li se ssir għalihom nhar il-Ħamis 21 ta' Awwissu, it-tieni jum tat-Tridu, huma mitluba sabiex jagħtu t-tagħrif meħtieġ fl-uffiċċju parrokkjali jew lil wieħed mis-saċerdoti.